Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2023/237

10.10.2023

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/[*numru*], u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2023/[*numru*], dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa**

(C/2023/237)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2127 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2019/1716 ([3]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2023/2125 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi ddeżinjati, iddeċieda li l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2023/[*numru*], dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi.

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, qabel it-3 ta' Ġunju 2024, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/xxx, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

L-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58.
([2]) ĠU L 2023/2127, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2127/oj
([3]) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1.
([4]) ĠU L 2023/2125, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2125/oj